Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*9 ta' Lulju 2013*
*87/2013*

**MESSAĠĠ MILL-ISQFIJIET TA' MALTA U GĦAWDEX**

Fid-dawl ta' l-iżviluppi li seħħew f'dawn l-aħħar siegħat u fid-dawl ta' dak li qal il-Qdusija Tiegħu il-Papa Franġisku l-bieraħ f'Lampedusa, aħna l-Isqfijiet Maltin nappellaw lill-Awtoritajiet Ċivili Maltin biex iħarsu d-dinjità ta' kull bniedem li jasal fuq ix-xtut tagħna, jirrispettaw l-obbligi internazzjonali ta' Malta u jkomplu jwettqu politika ta' ospitalità. Fl-istess ħin nappellawlhom biex ikomplu jisħqu b'kull meżż leġittimu biex pajjiżi ikbar minna jaqsmu il-piż tagħna. Il-Mulej ikompli jbierek il-qalb ġeneruza tal-Maltin.

✠ **PAWLU CREMONA O.P.**
Arċisqof ta' Malta

✠ **MARIO GRECH**
Isqof ta' Għawdex

✠ **CHARLES J. SCICLUNA**
Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta